# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt


11/16

**Minuti tal-ħdax -il laqgħa tas-sittax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2009, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 **Item 1: Talba**

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

2.0 **Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti**

2.1 Il-minuti tas-27 ta' Ottubru 2009 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

2.1.1 Minuta 2.8: Wara li s-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma mat-tape, hu ddikjara li fil-laqgħa tal-15 ta' Ottubru 2009 is-Sindku semmiet li kien hemm żewġ nominazzjonijet oħra invalidi u li waħda minn nominazzjoniet kienet invalida għax in-numru tal-karta tal-identita ta' waħda mis-sekondanti ma kientx teżisti iżda iddikjara wkoll li ma saret ebda riferenza għan-nomina invalida l-oħra cioe li kienet tirrigwardja għaqda. Għaldaqstant jinqatgħu l-kliem 'u oħra għax għaqda ma tistax tiġi nominata mill-membri jew uffiċċjali tagħha stess'.

2.1.2 Minuta 3.1.4 addenda : 'u iddispjaċih li ma kellux l-istess trattament'.

2.1.3 Minuta 3.1.7 trid tinqara: 'Wara li s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet se tkun diffiċli biex jinġabru r-reklami, il-Kunsill qabel li japprova spiża ta' €200'.

2.1.4 Minuta 8.1.1 addenda : 'Il-Kunsill talab kjarifika'.

2.1.5 Minuta 8.1.3: Il-kelma 'l-aħħar' tinbidel għal 'ieħor'.

3.0 **Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti**

3.1 F'dan l-istadju (6:22pm) is-Sur Anastasi daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

3.2 Minuta 3.1.1: Fuq mistoqsija tas-Sur Sultana, is-Sur Anastasi qal li hu iltaqa mal-avukat u qal li għandhom jitkellmu l-avukati bejniethom. Is-Sur Anastasi iddikjara li fiċ-ċirkostanzi hu kien biss qed jirrepeti dak li intqal lilu mill-iskrivani u allura mhux dak li sema hu.

3.3 Minuta 3.1.3: Is-Sur Briffa irringrazzja lil dawk kollha li kienu involuti.

3.4 Minuta 5.1: Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-minuta nkwistjoni hi nulla peress li r-riżoluzzjoni speċjali ma ġietx ippreżentata bill-miktub. Għaldaqsatnt, is-Sinjuri Sultana u Formosa ipproduċew riżoluzzjoni speċjali li ġiet sekondata mis-Sur Bugeja. Ir-riżoluzzjoni speċjali m'għaddietx bil-casting vote tas-Sindku. Dan wara li l-ewwel votazzjoni ġiet 3 voti favur (is-Sinjuri Sultana, Bugeja u Formosa), 3 voti kontra (is-Sindku u s-Sinjuri Briffa u Camilleri) u astensjoni (is-Sur Anastasi). Is-Sur Anastasi iddikjara li hu astjena mhux għax għandu xi ħaġa kontra s-Sur Victor Vassallo imma għal mod kif ingħataw il-marki mill-Kumitat tal-Ġieħ.

Għalhekk tgħodd id-deċiżjoni oriġinali cioe' dik li Ġieħ Santa Venera 2009 jingħata lis-Sur Victor Vassallo.

3.5 F'dan l-istadju (7:15pm) is-Sur Camilleri talab li jkun temporanjament sospiż mil-laqgħa.

3.6 Minuta 8.1.5: Is-Sur Anastasi poġġa fuq il-mejda tal-kamra kopja ta' petizzjoni li ġabarha hu stess mingħand ir-residenti tat-triq inkwistjoni. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li issir it-talba lill-Kumitat għat-tismija tat-toroq.

4.0 Item 4: Korrispomdenza

4.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

4.1.1 Marilyn Sciortino re:Ġieħ Santa Venera. Il-Kunsill innota li skond il-Linji Gwida, id-deċiżjoni tal-Kunsill hi finali u inappellabbli.

4.1.2 Anthony De Bono re: Ġnien Romeo Romano

4.1.3 Dipartiment Gvern Lokali re: Tabelli u Sinjali tat-Traffiku. Il-Kunsill qabel li jirrimedja b'mod gradwali.

4.1.4 Onor Chris Said re: Budget 2010.

4.1.5 Skema Inizjattivi għall-Attivitajiet: Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ingħatajna €3,500 għal Fiera tal-Artiġjanat li hi pjanata li ssir f'April 2010 u li se tkun tinkludi konferenza internazzjonali. Il-fiera se tkun organizzata flimkien mall-Malta Crafts Council.

4.2 F'dan l-istadju (7:30pm) is-Sur Camilleri reġa ħa postu madwar il-mejda.

5.0 Item 5: Rapporti

5.1 Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti tal-Contracts' Manager għax-xahar ta' Ottubru 2009.

5.2 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-kamra kopja tal-minuti approvati tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fl-24 ta' April 2009.

5.3 Is-Sur Camilleri poġġa fuq il-mejda tal-kamra kopja tal-minuti approvati tal-laqgħat tas-Sotto Kumitat għall-Edukazzjoni li saru fil-21 ta' Mejju 2009, fit-30 ta' Settembru 2009 u fit-12 ta' Ottubru 2009.

6.0 Item 6: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

6.1 L-iskeda għal *cheque payments* (28 ta' Ottubru 2009 sal-24 Novembru 2009) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Anastasi u Briffa.

6.2 Tqassmet skeda ta' petty cash (30 ta' Settembru sal-24 ta' Novembru 2009) u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Anastasi u Briffa.

6.3 Tqassmet ukoll *schedule of receipts* (26 ta' Ottubru 2009 sat-3 ta' Novembru 2009).

6.4 Is-Sur Formosa staqsa x'affarijiet inxtraw mingħand New Harry's Ironmongery (PV 282). Is-Sindku wieġbet li inxtraw xkupi u squeezers li intużaw fit-tindif tal-gym tal-iskola u li se jkomplu jintużaw mill-ħaddiema tal-Kunsill għal xogħlijiet oħra.

7.0 Item 7: Ilmenti

7.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:

7.1.1 (165): Il-Kunsill qabel li jieħu passi permezz tal-avukat tal-Kunsill.
7.1.2 (166): Il-Kunsill qabel li jieħu passi permezz tal-avukat tal-Kunsill.
7.1.3 (167): Il-Kunsill innota li t-triq se tinbena mill-ġdid mill-Gvern Ċentrali.
7.1.4 (168): Il-Kunsill qabel li jżomm lill-Kumitat Festi Esteni responsabbli ta' kull dannu.
7.1.5 (169): Il-Kunsill innota li t-triq se tinbena mill-ġdid mill-Gvern Ċentrali.
7.1.6 (170): Il-Kunsill ma qabilx minħabba restrizzjonijiet finanzjarji.
7.1.7 (171): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Wilson Mifsud.
7.1.8 (172): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Wilson Mifsud.
7.1.9 (173): Il-Kunsill ma qabilx.
7.1.10 (174): Il-Kunsill qabel li jirriferi l-każ lill-ADT.
7.1.11 (175): Il-Kunsill qabel li tinżabar l-imsemmija palma u jinqalgħu l-palm infettat fil-ġnien.
7.1.12 (176): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.13 (177): Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni.
7.1.14 (178): Il-Kunsill qed jitlob aktar informazzjoni.
7.1.15 (179): Il-Kunsill innota li talba simili kienet diġa ġiet rifjutata mill-ADT minħabba l-garaxxijiet.
7.1.16 (180): Il-Kunsill qabel tinħareġ works order lil Valletta Aluminium.

7.2 Is-Sur Anastasi talab li jitneħħa l-parkeġġ mill-viżibilita' tal-istage ta' fejn is-Supermarket ta' Triq il-Ferrovija u talab ukoll li l-istage l-ieħor jiġi imċaqlaq għal quddiem il-vetrina ta' l-ex Peugout.

7.3 Is-Sur Sultana talab li jitwaħħal reklam mal-konki ta' quddiem l-istitut Apap li jindikaw il-bar taċ-Ċentru Laburista tal-lokal. Il-Kunsill qabel li tkun applikata l-byelaw.

8.0 Item 8: Ordnijiet tal-Ġurnata

*8.1 Offerta tal-knis, tindif u qtugħ ta' ħaxix ħażin (aġġudikazzjoni)*

8.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi li kienet tindika l-offerta tas-Sur Saviour Mifsud. Is-Sur Sultana qal li fil-passat l-istess kumitat kien skwalifika offerta minħabba nuqqas ta' covering letter. Dan wara li l-offerta tas-Sur Savoiur Mifsud kienet tikkonsisti f'żewġ sentenzi biss.

Is-Sur Camilleri ippropona sabiex il-Kunsill jaċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Briffa. Il-Kunsill qabel bi 3 voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Camilleri u Briffa) u 4 astensjonijiet (is-Sinjuri Anastasi, Sultana, Bugeja u Formosa).

*8.2 Ftehim dwar il-pavimentar u d-dawl ta' taħt l-Akwidott (aġġudikazzjoni)*

8.2.1 Il-Kunsill qabel li jikkonsulta l-avukat tal-Kunsill qabel ma jiddeċiedi.

*8.3 Ġbir ta' skart reġiklabbli*

8.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem fid-dettall dwar żewġ skemi għal ġbir tal-iskart reċiklabbli.

GreenMT: Dawn lesti jixtru l-iskart reċiklabbli għal €15 kull tunnellata iżda l-iskart nibqgħu niġbruh aħna. Lesti jħallsuna €30 fil-ġimgħa għall-ispejjeż amministrattivi. Lesti wkoll jipprovdu persuna li tissorvelja x-xogħol inkluż il-piż qabel ma jidħol u qabel ma joħroġ minn Santa Venera.

GreenPack: L-ewwel skema tipprovdi tqassim ta' boroz grizi lir-residenti kollha u jiġbru l-iskart reċiklabbli huma mingħajr ħlas. It-tieni skema tipprovdi numru ta' bring in sites b'daqsijiet varji madwar il-lokalita kollha. It-tielet skema tipprovdi edukazzjoni kontinwa lir-residenti.

Il-Kunsill qabel li jieħu deċiżjoni f'laqgħa oħra.

*8.4 Attivitajiet tal-Milied*

8.4.1 Is-Sindku qalet li din is-sena se terġa torganizza l-ħarġa għat-tfal għal żmien il-Milied.

8.4.2 Is-Sindku qalet li Ġieħ Santa Venera 2009 se jingħata f'dawn il-ġranet ta' festi.

9.0 Item 9: Aġġornament

9.1 Is-Sur Camilleri poġġa fuq il-mejda tal-kamra kopja ta' petizzjoni minn residenti ta' Triq Carini. Is-Sur Sultana żied jgħid ukoll għal Misraħ Santa Venera. Il-Kunsill qabel li jitratta dan il-każ mal-ADT.

9.2 Il-laqgha intemmet fid-9:10pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Dicembru 2009 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 29 ta' Diċembru 2009 | Chairperson |